# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Marzu 2024**

**Numru 2**

**Rikors numru 135/2021/1 GM**

**Anthony Camilleri,**

**Marco *sive* Mark Camilleri**

**v.**

**Awtorità tad-Djar,**

**Costanza Sciberras**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tar-rikorrenti minn sentenza mogħtija nhar il-15 ta' Diċembru 2022 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha u permezz ta' liema sabet ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrenti hekk kif imħares bl-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-

Libertajiet Fundamentali ("l-Ewwel Protokoll"). L-Awtorità tad-Djar ġiet ordnata tħallas l-ammont ta' €16,000 f'danni pekunjarji u €500 f'danni mhux pekunjarji lir-rikorrenti għall-perjodu mill-1987 sal-2007.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn: ir-rikorrenti huma sidien tal-fond 89 ġjà 59, Madonna tal-Ħerba, Triq Brared, Birkirkara, liema fond akkwistaw *per via di successione* mill-eredità tal-mejta ġenituri tagħhom, Carmelo[1] u Marianna Camilleri[2], li mietu fid-29 ta' Ottubru 2009 u t-23 ta' Novembru 2003 rispettivament[3]. Il-fond kien akkwistat minn Carmelo Camilleri[4].

3. Illi fis-6 ta' Ġunju 1975 inħarget Ordni ta' Rekwiżizzjoni bin-numru 34515[5] u wara inħarġet Ordni ta' Derekwiżizzjoni nhar it-12 ta' Novembru 2007[6].

4. Il-fond kien allokat lir-raġel tal-intimata Costanza Sciberras, ossia l-mejjet Paul Sciberras, għall-kera ta' tlettax-il Lira Maltin (Lm13) fis-sena. Eventwalment il-kera telgħet għall-mitejn u disa' ewro (€209) fis-sena.

[1] Fol. 9 et. seq.
[2] Fol. 11 et. seq.
[3] Fol. 7 et. seq.
[4] Fol. 13 et. seq.
[5] Fol. 21
[6] Fol. 68

5. Illi skont l-affidavit ta’ Andrew Xuereb[7], rappreżentant tal-Awtorità tad-Djar, ir-rikorrenti kienu jaċċettaw il-kirja, dan ġie kkonfermat ukoll mill-inkwilina li xehdet permezz tal-affidavit[8]. L-istess Xuereb xehed illi r-rikorrent Anthony Camilleri, f’isem missieru Carmelo Camilleri, kien informa lid-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Soċjali, permezz ta’ ittra[9], li kien ser jirrikonoxxi lill-inkwilina Sciberras[10] u li b’hekk il-kirja kienet ser tibda tiġi aċċettata u ma kellhiex għala tibqa’ tiġi ddepożitata l-Qorti.

6. Illi ġie inkarigat il-Perit Mario Cassar sabiex jikkonstata l-valur lokatizzju tal-fond in kwistjoni bejn l-1975 sad-data tal-preżentata tar-rikors[11]. Ġie preżentat rapport nhar il-15 ta’ Ġunju 2021[12].

7. Ir-rikorrenti dehrilhom li dan kollu huwa bi ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom għat-tgawdija ta’ ħwejjiġhom u għalhekk fetħu l-kawża odjerna u talbu illi l-Ewwel Qorti:

> I. Tiddikjara u tiddeċiedi illi minħabba ċ-ċirkostanzi u fatti suesposti u dawk li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors u minħabba l-Ordni ta’ Rekwiżizzjoni numru 34515 skont il-Kap. 125 tal-Liġijiet ta’ Malta, teżisti leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u l-antekawża minnhom kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u li l-effetti ta’ tali Ordni ta’ Rekwiżizzjoni għadhom sal-lum jinċidu fuq id-drittijiet patrimonjali, kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti.
>
> II. Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi illi l-lokazzjoni tal-fond 89 ġja 59, Madonna tal-Ħerba, Triq Brared, Birkirkara, proprjeta’ tar-rikorrenti,

[7] Fol. 60 et. seq.
[8] Fol. 84
[9] Fol. 67
[10] Fol 61
[11] Fol 37
[12] Fol. 46 et. seq.

a favur tal-intimata Costanza Sciberras (K.I. 432535M) tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u b'hekk tordna lill-intimati sabiex fi żmien qasir u perentorju jitterminaw il-lokazzjoni relattiva u jikkanċellaw għall-effetti kollha tal-liġi r-rekwiżizzjoni relattiva, oltre rimedji oħra li din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa sabiex tassiġura illi r-rikorrenti jiġu rrintegrati fil-pussess u godiment sħiħ u reali ta' ħwejjiġhom, primarjament billi l-istess intimata **Costanza Sciberras (K.I. 432535M)** tiġi żgumbrata mill-fond imsemmi u r-rikorrenti rrintegrati fil-pussess u godiment sħiħ ta' ħwejjiġhom.

III. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tar-rekwiżizzjoni u okkupazzjoni in kwistjoni li ma kkreatx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sidien rikorrenti u dawk tal-inkwilini, stante illi l-kera pagabbli lir-rikorrenti ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta' in kwistjoni.

IV. Tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, ai termini tal-Liġi.

V. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom jħallsu l-istess kumpens u danni hekk likwidati ai termini tal-Liġi, bl-imgħax legali sad-data tal-effettiv pagament.

8. L-Awtorità tad-Djar eċċepiet:

Qabel xejn l-atturi jridu jipprovaw it-titolu tagħhom u jipprovaw ukoll li ma hemm ebda sidien oħra tal-fond mertu tal-kawża u f' każ li l-atturi akkwistaw il-fond b' titolu oneruż, u inter vivos, allura ma hemm ebda leżjoni kostituzzjonali; ma hemm ebda leżjoni kostituzzjonali jekk l-atturi wirtu l-fond għall-anqas sakemm l-istess fond ġie akkwistat minnhom b' wirt.

Drittijiet fundamentali u d-dritt ta' azzjoni għall-leżjoni ta' drittijet fundamentali ma jistgħux jiġu trasferiti la inter vivos u la causa mortis għaliex dawk huma drittijiet mogħtija personalment lil min ikun issubixxa l-leżjoni. Dawn id-drittijiet huma extra commercium u mhux trasferibbli. Kieku drittijiet fundamentali jistgħu jiġu trasferiti inter vivos jew causa mortis, peress li tali drittijiet m'humiex preskrivibbli allura jista' jagħti l-każ li l-Istat jiġi anke imfittex għal-leżjoni per eżempju ta' arresti illegali li ġraw 'il fuq minn mitt sena ilu;

Fil-każ li l-atturi akkwistaw b'titolu oneruż, u inter vivos, allura ma hemm ebda leżjoni kostituzzjonali; u fil-każ li wirtu il-fond ma hemm ebda leżjoni li setgħu sofrew qabel ma wirtu u dan hekk kif jingħad fis-sentenza deċiża quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-3

ta' Diċembru 2020 Doreen Grima et. vs Awtorita` tad-Djar et (Rik nru. 167/2019 GM);

Jekk l-atturi ma kienux is-sidien meta seħħet l-allegata leżjoni kostituzzjonali allura huma ma għandhom ebda locus standi f'din il-kawża u għalhekk ir-rikors huwa null;

Ma kien hemm xejn ħażin fil-ħruġ tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni u intant anke hawn ma ġewx eżawriti r-rimedji ordinarji għaliex ħadd ma ipproċeda biex tiġi sindakata ġudizzjarjament id-diskrezzjoni amministrattiva li ttieħdet meta ħarġu l-ordnijiet;

Ordni ta' Rekwiżizzjoni ma tledix id-drittijiet kostituzzjonali u hija permessa biex tara li jkun hemm tqassim ġust tal-ġid fil-pajjiż. Il-kostituzzjoni tagħti d-dritt lill-istat li jillimita d-drittijiet tal-proprjeta` basta jkun hemm proporzjonalita` bejn il-limitazzjoni fuq id-dritt u l-kumpens imħallas;

Tant ma hemm ebda leżjoni u ebda piż żejjed li kien qed jinġarr mill-atturi li din l-azzjoni inbdiet biss ħafna snin wara li kienet ħarġet l-ordni ta' rekwiżizzjoni – xejn inqas minn 46 sena wara l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni;

L-atturi stess jgħidu li l-fond mertu tal-kawża għadda għandhom permezz ta' żewġ wirtijiet wieħed fl-2003 u l-ieħor fl-2009 mingħand is-sidien oriġinali. Allura l-antekawżi stess ma ħassewx xi leżjoni ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem u intant l-atturi kienu jafu li ġewwa l-fond jirrisjedu l-inkwilini konvenuti u dan għandu jimmilita kontra l-atturi. Mela ma kien hemm ebda leżjoni fil-konfront tal-atturi qabel l-2009. vi

Iż-żmien li l-atturi ħallew li jgħaddi biex bdew dawn il-proċeduri juri li fil-verita` anke huma ma ħassewx li kien hemm leżjoni għax min iħoss leżjoni dwar drittijiet tal-bniedem soltu jaġixxi b' mod tempestiv. Għalhekk dan it-trapass ta' żmien għandu wkoll jimmilita kontra l-atturi;
Inoltre l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni tneħħiet fit-12 ta' Novembru 2007 u għalhekk minn dakinhar 'il quddiem żgur li ma seta' kien hemm ebda leżjoni kif qed jiġi allegat mill-atturi;

Din il-Qorti qed tintalab li tordna l-iżgumbrament tal-okkupanti tal-fond mertu tal-kawża – imma f'kawża kostituzzjonali hu l-istat biss li jista' jkun il-leġittimu kontradittur għax l-okkupanti kienu biss qed jużufruwixxu mid-dipożizzjonijiet tal-liġi fir-rigward. Għalhekk ebda żgumbrament ma għandu jew ma jista' jiġi ordnat;

L-atturi fit-tielet, fir-raba' u fil-ħames talba jħalltu kumpens għal-leżjoni ta' drittijiet fundamentali ma' azzjoni ta' danni. Imma dan mhux permess mil-liġi – l-atturi ma messhom qatt ħalltu waħda mal-oħra. Huma kien messhom għażlu triq waħda. Din il-Qorti ma għandhiex tagħti u takkorda danni. Fil-fatt anke fejn il-Qorti ssib li jkun hemm sproporzjonalita' bejn il-limitazzjonijiet tad-dritt u l-kumpens li jkun qed jitħallas, l-istess Qorti

qatt ma tuża l-valur lokatizju fis-suq miftuħ biex tillikwida l-kumpens xieraq biex jispurga l-leżjoni Kostituzzjonali.

9. Fil-waqt li l-konvenuta Costanza Scibberas eċċepiet:

1. L-eċċipjenti kienet ingħatat l-kirja tal-fond numru 89 ġia 59 'Madonna tal-Ħerba' Triq Brared Birkirkara fid-19 ta' Ottubru 1983 u dana wara ordni ta' rekwiżizzjoni minn l-intimati l-Awtorità tad-Djar. Illi l-fond kien ġia rekwiżizzjonat qabel ma' kien konċess b'titolu ta' kera lill-esponenti. Illi l-eċċipjenti kienu anke jaċċettaw il-ħlas tal-kera diretament mingħand l-esponenti u joħorġu riċevuta għal dan il-ħlas. L-eċċipjenti qatt ma kisret xi kundizzjoni tal kera;

2. Isegwi li kuntrarjament għal dak li qed jgħid u jikkontendi s-sid, bil-kirja lill-esponenti, l-istess rikorrenti ma' sofra ebda leżjoni ta' dritt u dana kontra dak stipulat fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzjoni ta' Malta kif qed jiġi allegat;

3. Isegwi għalhekk li t-talbiet kollha tar-rikorrenti, b'mod speċjali iżda mhux biss dik tal-iżgumbrament tal-esponenti mill-fond imsemmi għandhom jiġu miċħuda.

10. Permezz tas-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-15 ta’ Diċembru 2022 ġie deċiż is-segwenti:

(1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati safejn m’humiex kompatibbli ma’ din is-sentenza.

(2) Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara illi minħabba ċ-ċirkostanzi u fatti suesposti u minħabba l-Ordni ta’ Rekwiżizzjoni numru 34515, skont il-Kap 125 tal-Liġijiet ta’ Malta, teżisti leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u l-antekawża minnhom kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u li l-effetti ta’ tali Ordni ta’ Rekwiżizzjoni jinċidu fuq id-drittijiet patrimonjali, kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti u dan għall-perjodu bejn s-sena 1987 u s-sena 2007.

(3) Tilqa’ limitatament it-tieni talba u tiddikjara illi r-rekwiżizzjoni tal-fond 89 ġja` 59, Madonna tal-Ħerba, Triq Brared, Birkirkara, proprjeta` tar-rikorrenti, a favur tal-intimata Costanza Sciberras (K.I. 432535M) kisret id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea bejn s-sena 1987 u s-sena 2007.

(4) Tilqa' it-tielet talba u tiddikjara illi l-intimata Awtorità Tad-Djar hija responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tar-rekwiżizzjoni u okkupazzjoni in kwistjoni li ma żammitx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sidien rikorrenti u dawk tal-okkupanti, stante illi l-kera pagabbli lir-rikorrenti ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta' in kwistjoni u dan għall-perjodu bejn s-sena 1987 u s-sena 2007.

(5) Tilqa' r-raba' u l-ħames talba u tillikwida fis-somma ta' €16,000 bħala danni pekunjarji u s-somma ta' €500 bħala danni mhux pekunjarji u tikkundanna lill-Awtorità tad-Djar tħallas l-ammont hekk likwidat bl-imgħaxijiet legali ta' 8% fis-sena mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-intimata Costanza Sciberras a kariku tal-Awtorità tad-Djar.

11. Ir-rikorrenti ħassewhom aggravati u ressqu l'quddiem appell nhar l-20 ta' Diċembru 2022, li għalih wieġbet l-Awtorità tad-Djar fl-20 ta' Jannar 2023.

12. Ir-rikorrenti *qua* appellanti jilmentaw illi huma kellhom jiġu kkumpensati għall-perjodu li jibqa' għaddej sas-27 ta' Mejju 2021 u mhux biss sal-2007 stante li l-intimata Sciberras kompliet tgawdi l-pussess tal-fond, bis-saħħa tal-ordni ta' rekwiżizzjoni sal-ġurnata tal-lum. Jgħidu li huma ġew obbligati jirrikonoxxu lill-intimata sabiex titneħħa l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni u li ma kellhom l-ebda volontà libera. Jisħqu li jekk din il-Qorti tqis li l-Awtorità tad-Djar mhux responsabbli li tħallas id-danni għal wara s-sena 2007, l-Ewwel Qorti kellha tikkjama hi stess lill-Avukat tal-Istat; illi dan qed jitolbuh biss *in subsidum* għaliex huma jgħidu illi l-okkupazzjoni tal-intimata Sciberras tul iż-żmien kient konsegwenza tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni. Jgħidu li qudddiem tal-Bord li Jirregola l-Kera, l-

kirja dovuta mill-inkwilina żdiedet u li dan sar abbażi tal-Att XXIV tal-2021. Jitolbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-kumpens mogħti u f'każ li ma tagħmilx dan tibgħat lura l-atti quddiem l-Ewwel Qorti biex jiġi kjamat l-Avukat tal-Istat ħalli jagħmel tajjeb għall-kumplament tal-kumpens pretiż. Saħqu illi l-kumpens illi għandhom jirċievu ma kellux ikun anqas minn disgħa u erbgħin elf ewro (€49,000) f'kumpes pekunjarju u għaxart elef (€10,000) f'kumpens non-pekunjarju.

13. L-Awtorità tad-Djar, *qua* appellata, in suċċint tisħaq illi d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti kienet ġusta u għandha tiġi kkonfermata u li r-rikorrenti qed jipprovaw biss jitfgħu l-iżball tagħhom fuq l-Ewwel Qorti billi jgħidu li l-Ewwel Qorti kellha tikkjama hi lill-Avukat tal-Istat. Tgħid li din hija l-attitudni prevalenti b'liema qed jinfetħu dawn il-kawżi u li jekk l-appellanti kienu jafu b'kawżi fejn il-Qorti Kostituzzjonali rrimandat kawżi quddiem il-Prim'Awla sabiex jiġi kjamat l-Avukat tal-Istat kellhom jaqbdu u jikkjamaw lill-Avukat tal-Istat huma stess. Tgħid illi r-rikorrenti kienu jafu li l-Awtorità tad-Djar ma tistax tinżamm responsabbli għaż-żmien wara d-derekwiżizzjoni. Tisħaq li hi ma għandhiex tbati għall-iżball tal-appellanti. Illi r-rimedju tal-appell qatt ma kien intiż sabiex jiġu sanati żbalji proċedurali u li bl-eċċezzjonijiet tagħha, l-appellanti setgħu faċilment sejħu huma lill-Avukat tal-Istat. Tgħid illi ma sar xejn b'ingann sabiex titneħħa l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni u li l-antekawża tar-rikorrenti ma kienx sfurzat jirrikonoxxi lill-intimata Sciberras. Jgħidu li l-kumpens mogħti kien

wieħed ġust u li l-Qorti Kostituzzjonali ma għandhiex taddotta *a one size fits all approach*. Li l-Qorti Kostituzzjonali, anke kif saħqet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għandha marġini ta' apprezzament wiesa' fejn jidħol il-kumpens.

**Ikkonsidrat**

14. Din il-Qorti rat dak li kkunsidrat l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-kumpens mogħti minnha:

> *Skont stima magħmula mill-perit tekniku, il-valur fis-suq miftuħ tal-fond de quo huwa ta' €240,000.* ***Jidher li fil-kawża odjerna, kien hemm żewġ fażijiet fejn is-sitwazzjoni possibilment ġiet regolata minn żewġ reġimi differenti u mhux minn wieħed. Bejn 1975 – meta l-fond ġie rekwiżizzjonat sal-2007 – meta s-sidien irrokonexxew lill-intimata bħala inkwilina, minn Kap 125 tal-Liġijiet ta' Malta u b'effett minn 2008 sas-sena 2021 minn Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta****.* ***Sewwa tgħid l-Awtorità tad-Djar fin-nota ta' Sottomissjonijiet tagħha li l-permanenza fil-post wara li ġie derekwiżizzjonat ġejja mil-ligi u mhux minn Ordni ta' rekwiżizzjoni u għalhekk m'għandhiex tbati l-imsemmija Awtorita`, li hija l-unika intimata apparti l-inkwilini****. Kif intqal aktar 'il fuq kumpens għal-leżjoni tar-rikorrenti jista' jingħata biss mis-sena 1987. Il-valur lokatizju tal-fond mis-sena 1987 sa 2007 tela' minn €762 għal €2,683*.
>
> *Fid-deċiżjoni riċenti tal-Qorti Ewropea, Cauchi vs Malta tal-25 ta' Marzu 2021 intqal li l-kumpens jista' jonqos b'xi 30% minħabba l-għan leġittimu wara l-protezzjoni u 20% tnaqqis ieħor minħabba l-inċertezza dwar kemm il-proprjeta` kienet ser tkun mikrija għall-perjodu kollu. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat sentenza tal-Ewwel Qorti fejn naqqset 35% u mhux 30% minħabba interess ġenerali. Żiedet tgħid illi m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis ieħor minħabba li l-atturi baqgħu passivi għall-perjodu twil:*
>
> *"12. Din il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li l-fatt waħdu li sidien il-kera jkunu damu s-snin qabel ma fittxew rimedju, m'huwiex rilevanti għall-finijiet tal-kumpens pekunjarju (ara per eżempju sentenza John Pace v. Avukat tal-Istat et tat-28 ta' Jannar 2021), u li semmai jista' jkollu konsegwenza biss fil-każ ta' kumpens non-pekunjarju."*

*Bħala konsegwenza tal-fatt li l-Awtorita` intimata kisret id-drittijiet tar-rikorrenti kif sanċiti mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ta' Konvenzjoni Ewropea, għandha tħallas lir-rikorrenti kumpens pekunjarju ta' €16,000. Dan l-ammont inħadem skont il-prinċipji suesposti kif ġej:*

| MIS-SENA | SAS-SENA | VALUR LOKATIZZJU | KERA MĦALLSA |
|---|---|---|---|
| 1987 | 1989 | (€762 x 3) €2,286 | (Lm13 - €30.28 x3) = €90.84 |
| 1990 | 1994 | (€1,043 x 5) €5,215 | (Lm13 - €30.28 x 5) = €151.40 |
| 1995 | 1999 | (€1,430 x 5) €7,150 | (Lm13 - €30.28 x 5) = €151.40 |
| 2000 | 2004 | (€1,959 x 5) €9,795 | (Lm13 - €30.28 x 5) = €151.40 |
| 2005 | 2007 | (€2,683 x 3) €8,049 | (Lm13 - €30.28 x 3) = €90.84 |
| | | | |
| TOTAL | | €32,495 | €635.88 |

*€32,495 - €635.88 = €31,859.12*
*€31,859.12– 35% = €20,708.43*
*€20,708.43– 20% = €16,566.74 = €16,000.*

*Id-dannu morali ġej minn ksur tal-jedd ta' proprjetà huwa anqas gravi minn dak ġej minn ksur ta' jeddijiet marbuta mal-ħajja jew mal-personalità, u għalhekk il-Qorti sejra tillikwidahom fis-somma ta' €500*

15. Din il-Qorti taqbel ma' dak li qieset l-Ewwel Qorti, u ċioè li l-kirja tal-intimata Costanza Sciberras ġiet regolata b'żewġ reġimi differenti. B'hekk kif anke ntqal fil-kawża bl-ismijiet ***Antonio Zammit et vs l-Avukat***

***tal-Istat et***, kienet tkun f'waqtha l-preżenza tal-Avukat tal-Istat fil-kawża odjerna:

> *41. Tassew illi l-ordnijiet ta' rekwiżizzjoni nħarġu mis-Segretarju tad-Djar, predeċessur tal-Awtorità konvenuta. Iżda l-ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti hawn seħħ ukoll minħabba fil-liġijiet li jikkontrollaw il-kera u li ma ħallewx illi s-sidien jitħallsu kera xieraq. Fil-fatt ma ntweriex illi s-setgħa ta' rekwiżizzjoni, per se, hija bi ksur tad-drittijiet tas-sidien, jew illi ma kienx meħtieġ fiċ-ċirkostanzi soċjali taż-żmien relevanti li jinħarġu l-ordnijiet, jew li ma kienx hemm ħtieġa soċjali fil-każijiet partikolari. Għalkemm l-awtorità tħarrket sew, għax kien il-predeċessur tagħha li għabba l-proprjetajiet b'kirjiet kontrollati, iżda ċertament għandu jkun parti wkoll l-Avukat tal-Istat billi huwa dan illi jwieġeb meta l-ksur ta' drittijiet iseħħ minħabba fit-tħaddim ta' liġi, speċifikament f'dan il-każ il-liġi li tikkontrolla l-kera6. Illi dan jgħodd speċjalment għal dak il-perjodu qabel il-ħruġ tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni u wara l-ħruġ tal-Ordni ta' Derekwiżizzjoni.*[13].

16. Madankollu, r-rikorrenti għażlu li jintavolaw din il-kawża kontra l-Awtorità tad-Djar biss, iżda l-istess Awtorità tad-Djar tista' twieġeb biss għall-ħruġ tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni frott it-tħaddim tal-Kapitlu 125 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement din il-Qorti ma tqisx illi dak li seħħ wara l-ħruġ tal-ordni ta' rekwiżizzjoni jista' jiġi attribwit lill-Awtorità tad-Djar, u dan anke meta wieħed jikkunsidra illi kienu r-rikorrenti stess li nfurmaw lill-Awtorità tad-Djar, għan-nom tal-antekawża tagħhom, li kienu qed jirrikonoxxu lill-inkwilina.

[13] Rikors numru 144/2021/1 GM – Qorti Kostituzzjonali – Deċiża nhar id- 9 ta' Ottubru, 2023

17. Fir-rigward ta' dak li jippretendu r-rikorrenti appellanti u ċioè li l-Ewwel Qorti kellha ssejjaħ hi stess lill-Avukat tal-Istat, din il-Qorti ma taqbel xejn u tqis illi għalkemm l-Ewwel Qorti setgħet għamlet dan, hi ma kellha l-ebda obbligu tagħmlu u dan anke meta wieħed jikkunsidra t-talbiet fid-dawl tal-provi mressqa. Issir referenza għall-kawża fl-ismijiet ***Anthony Micallef u Helen Taliana in rappreżentanza ta' u eżerċenti l-awtorità parentali fuq binthom minuri Shania Micallef v. Pierre Cuschieri***[14] fejn intqal illi:

> *27. Fuq kollox għall-argument tal-appellant li xeħet l-obbligu fuq il-Qorti li ssejjaħ fil-kawża t-terzi msemmija minnu, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Frar, 2006 fil-kawża fl-ismijiet Fiorino D'Oro v. Direttur tat-Toroq qalet li*: ***«Għalkemm huwa veru li l-kjamata in kawża tista' ssir anke mill-Qorti marte proprio, ebda waħda mill-partijiet ma għandha d-dritt tippretendi li l-Qorti tieħu l-inizjattiva biex tittutela d-drittijiet tagħha.»*** *Il-Qorti kompliet billi rreferiet għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-4 ta' Diċembru, 1998 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Abela v. Perit Arkitett Fred Valentino et fejn kien intqal li:*
>
> > *"Jekk il-konvenut appellant [li] kellu kull interess li jiddefendi l-jeddijiet tiegħu kontra terzi naqas li, b'solerzja doveruża, hekk jagħmel, ma jistax jippretendi illi tkun il-Qorti li tħares u tittutela l-interessi tiegħu. Hu minnu li l-Qorti tista' wkoll sua sponte tordna l-kjamata fil-kawża fil-proċeduri quddiemha jekk jidhrilha li dan hu meħtieġ għall-integrità tal-ġudizzju jew biex il-meritu jiġi epurat fil-konfront tal-partijiet kollha interessati.* ***Tali dritt tal-Qorti, però, bl-ebda mod ma għandu jiġi kkunsidrat bħala xi obbligu fuqha illi tħares l-interessi tal-kontendenti. Dan għandhom jagħmluh il-partijiet infushom u fin-nuqqas, min jonqos, jista' biss jinkolpa lilu nnifsu u jbati l-konsegwenzi***

[14] Rikors numru 760/15/1 LM – Qorti tal-Appell Superjuri – Deċiża nhar id- 9 ta' Novembru, 2023.

***inevitabbli. Id-dover tal-Qorti hu biss li tassigura l-korrettezza fil-kondotta tal-proċedura quddiemha u li tagħti l-kontendenti l-opportunità ta' smigħ ġust u xieraq biex jiddefendu ruħhom bil-mezzi li ttihom il-liġi fosthom dik ukoll li jitolbu, meta ċ-ċirkostanzi jkunu hekk jiġġustifikaw, il-kjamata fil-kawża ta' terzi persuni interessati".***

18. Dan jingħad aktar u aktar meta huma r-rikorrenti stess li qed jilmentaw li l-Ewwel Qorti kellha titlob il-kjamata fil-kawża meta kienu huma li għażlu kif jiftħu l-kawża odjerna. Issir referenza għall-kawża fl-ismijiet ***Avukat Peter Caruana Galizia et v. Yorgen Fenech et***[15]*,* fejn ġie deċiż illi*:*

> ***"Huwa l-attur li jrid jiddeċiedi lil min irid iħarrek għad-danni li allegatament ikun sofra, u jekk irid iħarrek lill-persuna waħda minn aktar, il-konvenut ma jistax jitlob li l-każ jinfetaħ biex jinkludi persuni oħra li skont hu kienu parti fl-aggressjoni.*** *Il-konvenut jista', jekk irid, jipprova jitfa' r-responsabbilità fuq terzi minnu indikati, u l-Qorti tkun tenuta teżamina dik id-difiża u jekk issib li l-konvenut ikollu raġun, tista' tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, però l-konvenut ma jistax jipprova jgħaddi t-tort fuq terz meta l-attur ma jridx dan.*
>
> ***Il-Qorti tqis li l-liġi tħalli għalkollox f'idejn il-parti li tiddeċiedi u tagħżel x'għamla ta' kawża tixtieq tressaq****. "Dwar dan, lil dik il-parti ma għandu jindaħlilha ħadd, għaliex ir-riperkussjonijiet ta' għażla bħal dik jissarfu fil-piż li dik il-parti trid iġġorr biex tipprova kif imiss dak li tippretendi u dak li titlob" – Xuereb v. Borg et, deċiża minn din il-Qorti fil-25 ta' Ġunju, 2019. F'din il-kawża, l-atturi jisħqu li huma biss il-konvenuti li personalment għandhom iwieġbu għat-talbiet tagħhom, u m'għandhomx jiġu mġiegħla jipproċedu kontra persuni oħra li huma ma ħarrkux.*

19. Konsegwentement, la r-rikorrenti kienu liberi li jintavolaw il-kawża odjerna kontra min riedu huma u bil-mod kif riedu huma, issa ma għandhomx jilmentaw li kellhom jiġu kjamati terzi. Illi b'referenza għall-

[15] Rikors Ċivili 906/2020/1 AF – Qorti tal-Appell Superjuri – Deċiża nhar it-22 ta' Ġunju 2022

kawża fl-ismijiet ***Charles Bugeja et vs l-Awtorità tad-Djar et***[16], imsemmija mir-rikorrenti, din il-Qorti tqis li dik il-kawża għandha ċirkostanzi li ma jistgħux jitqiesu identiċi għal dawk odjerni anke għaliex f'dak il-każ l-Awtorità tad-Djar ġiet illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

20. Konsegwentement din il-Qorti ma tarax lok li jiġi awmentat il-kumpens pekunjarju jew li jintbagħtu l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jiġi kjamat l-Avukat tal-Istat.

21. Fir-rigward tal-kumpens non-pekunjarju u fejn ingħad illi dan ma għandux ikun anqas minn għaxart elef ewro (€10,000), din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **B. Tagliaferro & Sons Limited (C-817) v. l-Avukat tal-Istat et** (anke jekk f'din il-kawża ċitata l-kumpens non-pekunjarju kien awmentat għaliex deher lill-Qorti Kostituzzjonali li kien hemm lok ta' awment), fejn intqal illi:

> *"Dwar il-kumpens non-pekunjarju, il-Qorti tibda billi tirrileva li huwa żbaljat l-argument tal-attriċi li fil-ġurisprudenza ġiet stabbilita xi regola fissa li l-kumpens non-pekunjarju għandu jiġi kkalkolat fis-somma ta' €500 għal kull sena li tkun damet għaddejja l-leżjoni. Il-kumpens non-pekunjarju jirrifletti t-tbatija morali li tkun ġiet sofferta mill-vittma minħabba l-leżjoni li tkun ġiet konstatata mill-Qorti, u għalhekk huwa neċessarjament kwistjoni suġġettiva li tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ."*[17]

---

[16] Rikors Kostituzzkonali 199/2021- Qorti Kostituzzjonali – Deċiż nhar it-22 ta' Ġunju 2022 u preżentament pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali

[17] Rikors Kostituzzjonali 23/2020 – Qorti Kostituzzjonali – Deċiż nhar it-12 ta' Lulju 2023

22. Illi fid-dawl tal-fatti suesposti, inkluż li sal-Ordni ta’ Derekwiżizzjoni l-appellanti kienu biss sidien ta’ nofs indiviż u li l-antekawża tal-appellanti rrikonoxxiet lill-inkwilina, din il-Qorti ma tqisx li għandu jiġu awmentat il-kumpens non-pekunarju.

**Decide**

23. Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tar-rikorrenti u tikkonferma s-Sentenza tal-Ewwel Qorti, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss